MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Avviz Numru. 54/2013

**Delta Malta Ltd.**

**Vs**

**Kunsilli Malti ghall-Isport**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li l-entita konvenuta thallas is-somma ta' erbat elef mija u dsatax-il Euro u wiehed u sittin centezmu (€ 4119.61) rapprezentanti ammont dovut ai termini ta' ftehim iffirmat datat 2 ta' Awwissu 2011 (Dok A) skont il-fatturi Dok B u C. Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja datata 1 ta' Ottubru 2012 u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura, sa l-effettiv pagament kontra l-entita` konvenuta ingunta minn issa in subizzjoni

Rat li fis-seduta ta’ l-10 ta’ April 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-entita` konvenuta.

Rat li fis-seduta tal-15 ta’ April 2013, l-entita` konvenuta imsejjah tlett darbiet naqset li tidher, ghalkemm debitament notifikata u ghalhekk li l-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-Kunsilli Malti ghall-Isport ihallas is-somma ta’ erbat elef, mija u dsatax-il Euro u wiehed u sittin centezmu (€ 4119.61), bl-ispejjez kollha, inkluz ta’ l-ittra interpellatorja datata 1 ta’ Ottubru 2012, u bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura, sa l-effettiv pagament kontra l-entita` konvenuta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------